**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦMISTAX 19 ta’ AWWISSU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Vici Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D’Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud ( online ) u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **15.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 15.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta’appoloġija x’jinqraw. |
| | | |
| **15.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 15.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph Dámato qal li l-attivita’tal-orkestra tas-sajf, tħassret minħabba raġunijiet tal-covid 19. |
| | | |
| 15.2.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ma kienx hemm għalfejn li fil-minuti, jinkiteb il-kliem, li hu qam bil-wieqfa biex jitkellem u li għolla leħnu, għaliex hu biex jitkellem dejjem b’leħnu għoli.<br><br>Fl-istess punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fil-kwistjoni tal-kuntrattur tal-manutenzjoni u żamma tal-ġonna pubbliċi u soft areas, ix-xogħol tranġa min-naħa tal-kuntrattur, wara li saret laqgħa miegħu, imma xorta mhux kuntent bix-xogħol. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 15.2.3 | | Fir-rigward ta’ punt 14.6a.2, il-Kunsillier Joseph D’Amato qal li l-Kunsill kien qabel, li l-ewwel prijorita ta’ devoluzzjoni li l-Kunsill għandu jitlob, tkun il-Ġnien tal-Ġibjun u mhux l-art fi Sqaq San Tumas biex tintuża għal ħruq tan-nar. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qablet miegħu. Huma sostnew li l-Kunsill sa mil-leġislatura preċedenti, kien qabel li l-ewwel prijorita ta’ talba ta’ devoluzzjoni, tkun tal-Ġnien tal-Ġibjun u mhux sew li l-Kunsill jibdel il-prioritajiet tiegħu.<br><br>Dan il-punt għadda għal vot fuq liema hi l-priorita tal-art li għandha tagħti l-Kunsill jekk hux tal-ġnien tal-ġibjun jew l-art ta’ Sqaq San Tumas.<br>Is-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Marisa D’Amato, Kaydem Schembri u Kenneth Farrugia qablu li l-ewwel art mitluba tkun dik ta’ Sqaq San Tumas u dawk li qablu li ġnien il-ġibjun kienu Joseph D’Amato u Tiffanny Ann Farrugia, filwaqt li l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Dino Bonnici astjenew.<br>Deċiżjoni finali hi li l-ewwel prijorita tingħata lill-art fi Sqaq San Tumas. |
| | | |
| | | |
| 15.2.4 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbghatax - il seduta |
| | | |
| ***15.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 15.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li mill-fondi li r-Reġjun Nofsinhar ta lill-Kunsilli biex isiru cctv fil-lokal, fiż-Żurrieq inbeda x-xogħol biex tiġi instalata cctv fejn il-Mitħna tax-Xarolla. |
| | | |
| 15.3.2 | | Is-Sindku qalet li l-bieraħ 18 ta’ Awwissu, fil-Kunsilll saret laqgħa mal-uffiċċjali tal-PA u mal-konsulent tal-Kunsill fuq il-proġett maħsub PC10/18 fi Triq il-Passju. Il-Kunsill ingħata parir biex issir laqgħa mal-kuntrattur, isir ftehim fuq il-community facility li l-kuntrattur hu obbligat li jaghmel, u tali ftehim isir b’kuntratt bil-miktub.<br><br>Is-Sindku qalet li nhar it-Tlieta 25 ta’ Awwissu ġiet iffissata laqgħa bejn il-kuntrattur, il-konsulent tal-Kunsill u l-Kunsill, biex jiġi diskuss u maqbul il-community facility fl-akwata.<br>Stiednet lill-kunsilliera jattendu. |
| | | |
| 15.3.3 | | Is-Sindku qalet li kien hemm kwistjoni għax fil-ġnien tal-ġibjun, il-ġimgħa l-oħra telgħu l-pulizija biex ineħħu liż-żgħażagħ li kienu qedgħin bir-rota. Dan sar wara ħafna ilmenti minn nies li kienu qed isibuha diffiċli li jkunu fil-ġnien mingħajr il-periklu tar-roti. Il-pulizija għamlu xogħlhom u neħħew lil dawk kollha li kienu bir-roti u wara kien hemm ħafna tgergir minn dawk li jużaw il-ġnien u kkomunikaw mal-kunsill biex iż-żgħażagħ ikollhom post fejn jirrikrejaw ruħhom. Is-Sindku tkellmet ma’ Sports Malta,li ġew fuq il-post biex flimkien isibu post adekwat biex isir grawnd fejn iż-żgħażagħ jirrikrejaw ruħhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiġbor stimi ta’ xogħol ta’ grawnd żgħir u l-ispejjeż jitħallsu kollha minn Sports Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bdiet tiġbor l-istimi. Kien hemm qbil |

| | | |
|---|---|---|
| | | fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jitlob li fuq wara tal-Ġnien il-Ġibjun issir parti biex iż-żgħażagħ iduru bir-roti. Kien hemm qbil li l-kunsill jitkellem ma' Sports Malta fuq din ukoll. |
| | | |
| 15.3.4 | | Is-Sindku qalet li fejn il-gabbana li l-Kunsill ta permess f'Hal Far, qed ikun hemm ħafna storbju, u nies fis-sakra. Ġie rrappurtat ukoll li nies li jiffrekwentaw tali gabbana ħebbew għal qassis li għandu propjeta fil-viċin. Kien hemm qbil li dan l-ilment jitressaq lill-pulizija. |
| | | |
| | | |
| ***15.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 15.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier Joseph D'Amato u lill-familja tiegħu għat-telfa tat-tifel ta' ħuh. |
| | | |
| 15.4.2 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li l-attivita tal-ġita li l-Kunsill kien ser jorganizza għal-Ċipru, tħassret minħabba li l-Emirates mhux ser ikomplu jagħmlu titjiriet minn Malta. In-nies li kienu ħallsu ser jingħataw il-flus lura. |
| | | |
| 15.4.3 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri għamel dawn is-suġġerimenti/talbiet:<br>• kien bagħat email lill-kunsill, biex jitlob li l-ġurnata tas-seduta tinbidel u minflok issir fil-ġurnata tal-Erbgħa, issir jew it-Tlieta jew il-Ħamis minħabba li hu kull nhar ta' Erbgħa jkolli lezzjoni tal-Universita, li ma jistax jibdel. Kien hemm qbil li l-ġunata tibqa dik tal-Erbgħa minħabba li sa mill-bidu tal-Kunsill inżammet tali ġurnata u ma ġiet mibdula għal ħadd.<br>• Biex tinbidel it-tabella ta' Merħba Żurrieq li tinsab fi Triq il-Qrendi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tabella tbiddlet.<br>• Biex fil-Bell Veder tal-Blue Grotto jiġu installati cctv, minħabba li hemm xi persuni li qed jużaw il-post bħala letrina. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-FTZD.<br>• Biex fi Triq il-Barrieri jsiru parking bays. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex fi Triq E Grech issir bozza fuq arblu minħabba nuqqas ta' dawl. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex fi Triq Espeditu Deguara (il-parti li mhux magħmula bit-tarmak, il-Kunsill jagħmel saff torba ħalli t-triq ma tibqax bil-ħofor u tkun aktar aċċessibbli. Ma kienx hemm qbil minħabba li t-toroq huma responsabilta tal-Gvern. |
| | | |
| 15.4.4 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet/talbet dan li ġej:<br>• Triq Dun Ġużepp Barbara ma liema konfini tagħmel? Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din tagħmel mal-Kunsill ta' Ħal Kirkop u kull ilment li qed tirċievi qed tagħddih lil tali kunsill. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Issuġġeriet li l-Kunsill jiġbed uffiċċjalment, l-attenzjoni tal-ERA u l-Ministru ikkonċernat fuq it-teżżiżiet tal-furnelli li qed jinħarqu fil-barriera fl-akwati tan-Nigret, minħabba l-periklu li qed jagħmlu fuq il-binjiet fiż-Żurrieq. L-aħħar furnelli inħarqu fit-2 ta' Ġunju u fit-23 ta' Lulju fl-9:45 ta' filgħodu. Hi qalet li l-Kunsill għandu juri t-tħassib tiegħu fuq il-ħsara li qed jagħmlu tali furnelli, fuq il-bini u l-konsenturi li qed isibu residenti tal-viċinanzi, kemm fil-binja u kemm fil-bjar tagħhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-ERA li enforcement tal-post mhux qed isir. |
| | | |
| 15.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa/talab dan li ġej:<br>• Hemm dawl maqtugħ fi Ġnien fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm rapport mal-kuntrattur diġa.<br>• Issir bozza ġdida fi Triq Leli Camilleri. Kien hemm qbil li jekk hemm xi resident li jaċċetta li tali bozza titwaħħal mal-propjeta tiegħu javviċina lill-kunsill.<br>• Biex isiru linji sofor ma' garaxx fi Triq l-Iskulturi Fabri, minħabba li sid il-garage ma jkunx jista joħroġ jekk ikun hemm il-vetturi pparkjati mal-koxxa tal-garage. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex fi Triq Ferdinando Falzon jiġu miżbura ħafif is-siġar taż-żebbuġ. Kien hemm qbil li ż-żabra ssir fl-istaġun taż-żabra.<br>• Issuġġerixxa li ssir l-attivita' li kienet issuġġeriet is-Sindku biex jinqata ż-żebbuġ mis-siġar u wara jingħata biex isir iż-żejt, issir wara konsultazzjoni mas-Sur Azzoppardi l-contract manager tal-Kunsill.<br>• F'dan il-punt is-Sindku infurmat li talblet l-għajnuna tal-Clean Malta u d-Direttur Ġeneral aċċetta li l-palm ta' Vjal il-Blue Grotto tiżborhom Clean Malta.<br>• Biex fi Triq il-Kbira tissewwa bozza quddiem numru 75<br>• Bżonn li jinkinsu Triq il-Passju u Triq il-Luq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Triq il-Passju inkinset illum filwaqt li Triq il-Luq tinkines il-Ġimgħa jew is-Sibt.<br>• Biex titnaddaf art fi Triq Santa Fawstina. Kien hemm qbil li art private l-Kunsill ma jidħolx fiha.<br>• Biex fi Triq Santa Katarina, viċin il-klabb taż-Żurrieq Wolves isiru double yellow lines għax il-vetturi li jkunu pparkjati fl-akwata qed ikunu ta' ostaklu għal dawk li għandhom il-garaxxijiet u għal dawk li jkunu ġejjin minn Triq is-Sajjieda. Ma kienx hemm qbil li jsiru linji sofor minħabba nuqqas ta' parkeġġ u kienhemm qbil li titwaħħal mera minflok.<br>• Fi Triq Nardu Sacco hemm vann abbandunat mingħajr liċenzja. Ser jingħata d-dettalji tiegħu biex ikun jista jsir rapport. |
| 15.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• Għalkemm inżabru s-siġar fi Triq Dun Ġużepp Zammit xorta waħda d-dawl tat-triq ma inkixifx u għad hemm nuqqas kbir ta' dawl fit-triq. Hu ssuġġerixxa biex il-Kunsill jinstalla 3 arbli b'żewġ bozoz kull wieħed, bejn l-arbli eżistenti (fis-central strip). Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-ktieb li qed jagħmel il-kunsill, wasal biex jigi iffinalizzat u bħalissa jinsab fi stadju biex isir il-proof reading tiegħu. Hu qal li inġabet stima ta' 200Euro fuq |

| | | |
|---|---|---|
| | | dan. Kien hemm qbil biex ix-xogħol isir.<br>• Il-Kunsill irċieva korrispondenza fuq grant għal proġett – Green solar roof li hemm ċans sa' nhar il-Ġimgħa biex il-Kunsill juri ix-xewqa tiegħu. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lil-Kap tal-iskola u jistaqsi jekk jaċċettax li l-Kunsill japplika biex tali proġett isir fuq il-bejt tal-iskola u jekk dan jaċċetta l-Kunsill jagħmel it-talba. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsa jekk il-Kunsill irċevix komunikat mingħand l-Onorevoli Stephan Zrinzo Azzopardi u mill-Onorevoli Roderick Galdes fuq it-tliet idjar tan-Nigret (Vjal l-Indipendenza). Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser terġa tibgħat reminder għax il-Kunsill ma irċieva xejn uffiċjalment. F'dan il-punt il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li minn informazzjoni li għandu mir-residenti, dawn intalbu jikkunsidraw propjeta oħra fiż-Żurrieq mid-Direttur Ġenerali tat-toroq u infrastruttura, imma s'issa m'għandux informazzjoni oħra.<br>• Issuġġerixxa biex kull talba għal dog bin ġdid titressaq fis-seduta tal-Kunsill u qabel jiġu avviċinati r-residenti tal-akwata dan ma jitwaħħalx. F'dan il-punt tqajmu l-problema tad-dog bins li hemm fi Triq Arturu Dimech u Triq iċ-Ċombini u kien hemm qbil li jitneħħew. |
| | | |
| 15.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li beda jaħdem fuq proġett b'inizjattiva sportiva. Dan il-proġett jikkonsisti f'akkademja ta' taħriġ fl-isports tal-basketball. Il-Kunsillier qal li għal din l-inizjattiva ser ikollu bżonn lill-Klabb tal-football taż-Żurrieq biex jgħin fl-istatut u lill-Kunsill biex isaħħaħ l-inizattiva finanzjarjament u permess tal-appoġġ tiegħu mal-awtoritiajiet ikkonċernati. Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob waħda mill-btieħi tal-iskola taż-Żurrieq biex tintuża għat-taħriġ taż-żgħażagħ ta' bejn l-10 u l-15 -il sena. Primarjament dan it-taħriġ għandu jkun għaż-żrieraq u ż-żgħażagħ tal-madwar. Hu qal li diġa għandu komunikat ma' Sports Malta u ser jitlob l-għajnuna tal-ministeri tal-isport u l-edukazzjoni. Fil-Kunsill kien hemm qbil unanimu fuq din l-inizjattiva. |
| | | |
| 15.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa dan:<br>• Biex issir manutenzjoni tal-istatwa ta' San Pawl li hemm fi Triq San Pawl. Is-Sindku infurmat li diġa kellha komunikat mad-Direttorat tar-restawr fuq din in-niċċa u ġiet imwegħda li fis-sena skolastika li jmiss, l-istudenti li qed jistudjaw ir-restawr ser ikunu qed jaħdmu fuqha.<br>• Fi Triq it-Tin twaħħlet tabella bil-ħinijiet tal-un/loading minħabba l-ħwienet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kull fejn hemm bay tal-un/loading hi obbligatorja li jkun hemm tabella li tindika l-ħinijiet. |
| 15,4.6 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li għalkemm saret laqgħa ma' sid il-ħanut il-ġdid li ser jiftaħ fuq wara tal-istatwa tal-Mmadonna tal-Karmnu, u saru ċerti kundizzjonijiet, din il-ġimgħa sid il-ħanut waħħal dawl iteptep kollu kuluri. Il-Kunisllier Marisa D'Amato kkonfermat dan kollu u qalet li tali dawl barra li qed ikerraħ l-istatwa, qed ikun ta' inkonvenjent għas-sewwiea li jkunu ġejjin minn |

| | | |
|---|---|---|
| | | Triq il-Belt Valleta għax qed ikun distrattiv.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lil sid il-ħanut u juri d-diżapprovazzjoni tiegħu u jwissih biex jimxi mal ftehim li għandu. |
| | | |
| 15.4.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud ssuġġerixxa dan:<br>• Il-Kunsill għandu jerġa jikteb lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici fuq it-tined li kellhom isiru mill-ministeru biex ikunu ta' ilqugħ għat tfal li jidħlu minn entraturi differenti. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex fi Triq Ħal Far isiru tabelli biex jinnutaw lill-qanfud waqt li jkunu qed isuqu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex jinkinsu aktar spiss Triq it-Tunnara u triq il-Qroll. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-toroq kollha taż-Żurrieq jinkinsu darba fil-ġimgħa biss skont il-kuntratt. |
| | | |
| **15.6** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| | | |
| **15.6a** | | **PC10/18 – Proġett fi Triq il-Passju, fiż-Żurrieq** |
| | | |
| 15.6a.1 | | Dan l-item tqajjem mis-Sindku waqt il-komunikat tagħha. |
| | | |
| ***15.6c*** | | ***Internet banking signature key user*** |
| | | |
| 15.6c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv tablet approvazzjoni tal-Kunsill biex hi bħala Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku Rita Grima, jkollhom key tal-BOV bħala firmatarji, biex japprovaw il-pagamenti li qed isiru online. Filwaqt li l-iskrivana li tieħu ħsieb l-accounts ikollha d-dritt li titrasferixxi il-ħlasijiet lil dawk dovuti, wara l-approvazzjoni tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.<br><br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***15.5*** | | **Rapporti** |
| | | |
| **15.5.a** | | **Aġġudikar tat-tenders:**<br>**a. Cleaning and upkeep of Public conveniences in Zurrieq**<br>**b. Bulky Refuse collection in Zurrieq**<br>**c. Restoration of the Chapel and yard of Sant'Andrija in Zurrieq** |
| | | |
| 15.5a.1 | | ***<u>Cleaning and upkeep of Public Conveniences in Zurrieq</u>***<br>Għal din it-tender kien hemm żewġ offerenti li wara li ġew mitluba rectification, kollox kellhom kompetenti fl-offerta.<br>Din it-tender rawha żewġ kunsilliera u persuna oħra kwalifikata f'dan il-qasam.<br>**Rapport mehmuż Dok 1** |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li dan ix-xogħol jingħata lill-orħos offerent għas-somma ta' 8,000Euro u li jibda s-servizz mill-15 ta' Novembru, 2020. |
| | | |
| 15.5a.2 | | ***<u>Bulky refuse collection in Zurrieq</u>***<br>Għal din it-tender kien hemm tliet offerenti li kollha kellhom id-dokumenti eleġibli.<br>Din it-tender rawha tliet kunsilliera. **Rapport mehmuż Dok 2.**<br>Kien hemm qbil li dan ix-xogħol jingħata lill-orħos offerent għas-somma ta' 3.49Euro għal kull dar. |
| | | |
| 15.5a.3 | | ***<u>Restoration of the Chapel and yard of Sant'Andrija, Zurrieq</u>***<br>Għal din l-offerta barra żewġ kunsilliera, kien hemm perit involut biex jagħmel rapport fuq l-offerti li intefgħu. **Rapport mehmuż. Dok 3**<br>Għal din it-tender kien hemm tliet offerenti li intalbu jagħtu kjarifikazzjonijiet u li għandhom żmien sa ġimgħa biex iressquhom. |
| | | |
| **15.5b** | | **Health and Safety Risk Assesment tal-playing fields** |
| | | |
| | | |
| 15.5b.1 | | Il-Kunsill ġie mitlub biex jagħmel *health and safety risk assesment* tal-playing fields kollha. Wara li inġabru stimi tas-servizz, tqabdet kumpanija li għamlet ir-rapporti tal-playing fields kollha. Rapporti mehmuża **Dok 4.**<br>Biex isir ix-xogħol kollu li hemm bżonn f'dan ir-rapport, il-kunsill irid iħalli budget apposta għas-sena d-dieħla. Hemm xi xogħlijiet li ma jeħtiġux fondi kbar u li jistgħu jsiru fl-immedjat mill-kuntrattur tal-Kunsill. Ser jitqabbad ukoll inġinier biex jagħti stima biex jiċċertifika l-bandli. |
| | | |
| 15.5b.2 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19.50. |
| | | |
| ***15.6*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 15.6.a. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Talba minn resident li għandu l-bieb tal-ġnien tiegħu fi Triq l-Armerija, biex issir tabella fi Triq l-Armerija biex il-vetturi jipparkjaw bl-exhaust pipe 'l barra. Dan l-istess resident meta l-Kunsill neħħa l-marki sofor minn quddiem il-bieb tal-ġnien tiegħu, kien pront u għamel fliexken tal-plastik mimlijiet b'likwidu. Il-Kunsill infurmah biex ineħħi tali fliexken, ma neħħiehomx u sar rapport l-għassa. Meta l-pulizija neħħiethomlu, dan kien pront u reġa poggiehom. Kien hemm qbil li tiġi ordnata t-tabella mitluba u li jiġi nfurmat biex ma jpoġġix iżjed fliexken.<br>• B'referenza għall-ilment li l-Kunsill għamel ma Transport Malta, fuq bollards fi Triq iċ-Ċombini biex ma jkissrux l-għetiebi tar-residenti, Transport Malta ssuġġeriet biex il-parti minn kantuniera ta' Triq il-Kbira sa kantuniera ma Triq San Nikola issir 'Pedestrian access only'. Ma kienx hemm qbil fuq is-suġġeriment ta' TM.<br>• Biex issir parkeġġ riservat għal electrical vehicle station, quddiem dar fi Triq |

| | | |
|---|---|---|
| | | Fonzu Gauci. Il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia qalet li ma ssibx oġġezzjoni fuq dan il-parkeġġ riservat. Ma kienx hemm qbil minħabba li f'suġġerimenti simili, f'seduti preċedenti l-kunsill ma tax permess.<br>• Biex is-service road ta' Vjal il-Blue Grotto issir direzzjoni waħda. Kien hemm qbil li tinkiteb talba tal-approvazzjoni minn TM.<br>• Biex issir bollard fi Triq il-Kbira k/m Triq il-Fjuri għax il-vetturi qed jipparkjaw fil-kantuniera. Kien hemm qbil li jsiru double yellow lines minflok bollard.<br>• Biex il-Kunsill ineħħi naspla li tinsab imħawla fi Sqaq fi Triq San Bartilmew, għax qed tħammeġ l-isqaq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lis-sid jiżborha.<br>• Wara diversi ilmenti, twaħħlu żewġ tabelli fi Vjal l-Indipendenza biex tindika lis-sewwieqa, speċjalment lil dawk li mhumix miż-Żurrieq, biex ma jibqgħux sejrin sa Triq Sant Andrija u jsibu li hi 'one way', imma jidħlu jew ġo Triq Vince Dimech jew jekk ikunu ġejjin min-naħa ta' Ħal Far jgħaddu minn Triq Dun Gwann Camilleri. Resident ta' Triq Vince Dimech ġie fl-uffiċċju tal-Kunsill jajjat mas-Segretarju Eżekuttiv u allega li minn mindu saret it-tabella, qed jgħaddu aktar vetturi u jħallu exhaust lir-residenti tat-triq. (Dan ir-resident induna bit-tabelli kważi ġimgħa wara li twaħħlet.) Ir-resident irid li t-tabella titressaq għal triq oħra. Wara li telqet mill-uffiċċju din il-persuna, bdew iċemplu residenti oħra mill-istess triq. Ġurnata wara, l-Kunsill irċieva email fejn ġie mitlub li fuq tali tabella jitwaħħal il-kliem 'no entry for heavy vehicles' u li ser tiġi mimlija petizzjoni mir-residenti biex it-tabella tinqala. Qabel dan kollu residenti ta' Triq Dun Gwann avviċinaw lill-Kunsill fejn talbu li t-triq tkun 'residents only'. U il-bieraħ 18 ta' Awwissu, residenti minn parti ta' Triq San Martin ressqu petizzjoni (**dok 5 anness**) fejn talbu li t-triq ssir one way, minħabba l-konġezzjoni tat-traffiku li qed jgħaddi mit-triq. F'dan il-punt xi kunsilliera ssuġġerew li tintalab direzzjoni minn TM minħabba li t-tliet toroq imsemmija jinsabu fl-istess akwata. Wara diskussjoni d-deċiżjoni finali kienet li jibqa kollox kif inhu bħalissa. |
| | | |
| 15.6a.2 | | Waslet biex tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni li l-Kunsill għandu fuq l-assi, l-Kunsilliera u l-impjegati. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***15.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 15.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar 37. |
| | | |
| ***15.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 15.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta'**€47,990.82**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Kaydem Schembri. |

| | | |
|---|---|---|
| ***15.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 15.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 30ta' Settembru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __30____ ta' SETTEMBRU, 2020.

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**